MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 3/1998/1

**Joseph Caruana Curran**

**vs**

**Victoria Vella**

**Il-Qorti,**

L-attur appellant ipproceda quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex dan jisma' mill-gdid il-kawza minnu deciza fit-3 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet inversi u dan wara li jirrevoka u jhassar dak il-gudikat.

Fuq din it-talba l-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja din id-decizjoni:-

"Il-Bord,

Ra ic-citazzjoni prezentata fil-15 ta' Jannar:

Illi b’ sentenza ta’ dan il-Bord tat-3 ta’ Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Victoria Vella vs Joseph Caruana Curran rikors numru 95/B/97, il-konvenuta giet awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-fond “Gian”, Liedna Street, Fgura, u gie prefiss terminu ta’ xahar ghall-izgumbrament mill-attur.

Illi l-attur effetivament ma giex notifkat bir-rikors, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk id-decizzjoni ttiehdet in kontravenzjoni tal-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12.

Illi l-persuna bil-kunjom Cassar li ffirmat ghad-destinatarju fuq il-pink card, mhiex fis-servizz tal-attur, u lanqas mhi awtorizzata tircievi l-posta registrata tieghu, l-attur, fi kwalunkwe kaz qatt ma gie muri jew inghata l-istess rikors, u dan in kontravenzjoni tal-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12.

Peress illi dawn ic-cirkostanzi partikolari jaghtu lok ghar-ritrattazjoni tal-kawza.

Tghid ghalhekk l-konvenuta, ghaliex dan il-Bord in vista tal-premess m’ ghandux:

1. Jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Victoria Vella vs Joseph Caruana Curran, deciza minn dan il-Bord fit-3 ta’ Dicembru 1997, rikors numru 95/B/97, wara li qabel xejn tigi mhassra l-istess sentenza, u dana billi l-attur effettivament ma giex notifikat bir-rikors u, ghalhekk, id-decizzjoni ttiehdet in kontravenzjoni tal-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda flimkien mad-dokument esebiti.

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccipiet:

1. Illi c-citazzjoni hija nulla ghaliex ma gietx iffirmata mill-gudikant li suppost ordna c-citazzjoni.

2. Illi subordinatament, ic-citazzjoni hija minghajr bazi peress li r-rikors hemm indikat gie debitament notifikat lill-intimat.

Ghalhekk fi kwalunkwe kaz, id-domanda tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti

Ra l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u dawk tar-rikors 95/97 u tas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 1997 mill-Bord diversament presedut.

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati

Ra l-verbal tat-30 ta' Mejju 2001

Ikkunsidra,

1. B' rikors pprezentat fit-30 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet 'Victoria Vella vs Joseph Caruana Curran', r-rikorrenti wara li qalet li:

a. Hija tikri lill-intimat Joseph Caruana Curran il-fond bla numru, bl-isem 'Gian' Ziedna Street, Fgura (diga Paola) bil-kera ta' Lm130 fis-sena pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-4 ta' Dicembru 1997.

b. L-intimat huwa impuntwali fil-hlas tal-kera fit-termini tal-ligi.

Talbet li

Tigi awtorizzata tirriprendi pussess tal-fond fi zmien qasir u perentorju; bl-ispejjez.

2. Bis-sentenza tal-Bord (presedut mill-Magistart Dennis Montebello) moghtija fit-3 ta' Dicembru 1997 giet

milqughha it-talba tar-rikorrenti fil-kontumacja ta’ l-intimat (art 30 tal-Kap 69) u gie prefiss it-terminu ta’ xahar ghall-izgumbrament ta’ l-intimat.

3. Din hija kawza ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, jew smiegh mill-gdid ta’ l-istess ai termini tal-art 187 tal-Kap 12. L-ewwel eccezzjoni giet irtirata fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 1999.

4. L-artikolu 812 tal-Kap 12 jaghmel referenza ghal art 811 fejn jinghad li ritrattazzjoni tista’ tinghata:

“b. jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza.”

5. L-artikolu 187 (i) tal-Kap 12, rilevanti ghal dan il-kaz jghid:

“In-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghanda tkun innotifikata, jew billi din il-kopja tithalla f’ idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’ idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’ idejn il-prokuratur taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.”

6. L-attur jallega li kopja tar-rikors waslet fl-ufficcju imma giet moghtija lil certa Michelle Cassar li ma kienitx awtorizzata li tiffirma ghal ittri rregistrati u gara x’ gara l-attur qatt ma gie notifikat “effettivament u mhux sempliciment b’ mod teoritiku.” (ara trattazzjoni). Il-Bord jifhem li l-attur qed jallega ukoll li l-imsemmija Michelle Cassar ma kienitx impjegata mieghu imma “bhala receptionist mal-kumpanija ‘Frozen Arts Limited.’

7. Il-fond mertu tar-rikors numru 95B/97 hu mikri lill-attur u mhux lil xi kumpanija. Ma hemm l-ebda kwistjoni fuq dan bejn il-partijiet. Imma l-attur, donnu ma tantx jaghmel destinazzjoni bejnu u bejn il-kumpanija meta ta x-xhieda tieghu.

"Il-fond in kwistjoni huwa mahzen mikri lill-kumpanija tieghi fejn nuzah biex inpoggi fih merkanzija in konnessjoni man-negozju tieghi. Il-post hu mikri lili imma qed jintuza ghall-merkanzija tal-kumpanija. Dan il-post ghadu jintuza sal-lum il-guranata. Il- post dejjem intuza ghall-istess skop jigifieri bhala mahzen (fol 27)

Il-post huwa mikri lili imma ntuzat mill-kumpanija. M' hemmx ftehim bil-miktub imma l-arrangament huwa li l-kumpanija tuza dan il-post bhala mahzen billi fl-istess triq ghandha tlett imhazen ohra….(fol 31) (sottolinear tal-Bord).

8. Carmel Apap li hu direttur tal-kumpaniji Caruana Cold Stores, General Post Limited, Frozen Arts Limited u Wheat & Spice Limited meta gie mistoqsi minn juza l-mahzen (fol 48) jghid:

"Dan il-garage huwa mikri lis-Sur Caruana Curran"

Ix-xhud huwa evaziv bi kbir u l-aktar li jasal hu

"Is-Sur Caruana Curran jekk ikollu affarijiet tieghu personali, jistorjahom hemm gew." (fol 49) (sottolinear tal-Bord)

9. Dan huwa l-mod kif qed jigi gestit il-mahzen.

10. L-attur meta jsemmi 'kumpanija' ma jghidx ghal liema wahda qed jghid. Stqarr li Apap "huwa manager tal-kumpanija" (fol 29). In-kontro-ezami meta saritlu referenza ghal kemm ghandu ishma fil-kumpanija 'Caruana Cold Stores' jghid li ghandu wiehed minn tlieta, l-bqija huma ta' zewg hutu bniet. Hu general manager ta' din il-kumpanija u hu impjegat maghha (fol 33-34).

11. Mix-xhieda jirrizulta li l-ufficju 15, Gholja Spencer, Marsa hu uzat mill-attur u mill-kumpaniji msemmija, kulhadd u kollox f' daqqa. Il-posta indirizzata lill-attur personalment u lill-kumpanija tasal fl-istess post. Hekk ittra mibghuta mill-konvenuta lill-attur personalment biex ihallas l-kera iffirmat ghalijha x-xhud Maria Bugeja

mpjegata ma' Caruana Cold Stores (ara dok a fol 33-34 u xhieda a fol 53). L-attur jghid li kienet impjegata ma' 'Frozen Arts Limited.' Ittra ohra registrata mibghuta lill-attur personalment iffirmat ghalija l-istess Bugeja (fol 35-36). Ittra rregistatat mibghuta mill-konvenuta lill-attur personalment ffirmat ghalijha x-xhud Michelle Cassar (fol 37-38) impjegata ma' ' Frozen Arts Limited' u mhux ma' l-attur skond hi. In- kontro-ezami l-attur jghid li Cassar kienet impjegata ma' 'Caruana Cold Storage and Imports Limited' (fol 41). Meta ta x-xhieda tieghu fil-bidunett l-attur qal li:

"Sa fejn naf jiena, meta rcevejna n-notifika din l-impjegata Cassar ma kienitx impjegata maghna ( fol28). Qed nghid ghan-notifika tal-izgumbrament."

Jirrizulta li l-ahhar ittra (fol 32) intbaghtet fid-<u>29 ta' Dicembru 1997</u> (fol 32). L-attur xehed li l-impieg tax-xhud gie tterminat fit-<u>30 ta' Novembru 1997</u>. Il-Bord ma jeskludiex li l-attur seta ha zball.

12. Ghar-rikors li sar kontra l-attur ghal zgumbrament meta wasal bil-posta registratta iffirmat ghalih l-istess Michelle Cassar nhar il-Gimgha 4 ta' Lulju 1997.

13. Il-Bord issa ser jghaddi biex jezamina kif kienet titqassam fl-imsemmi ufficju l-posta li kienet tasal

a. <u>L-attur</u> (fol 28-29)

"….il-posta ghall-kumpanija taghna l-ewwel tasal ir-reception, imbaghad tghaddi ghand is-segretarja personali tieghi. Ghand is-segretarja l-posta tasal maghluqa imbaghad hija tiftah l-ittri. Naf li dwar kawzi u affarijiet bhala is-segretarja taghmilli appuntament fid-diary biex jiena inkun naf bihom. Hija l-procedura tal-kumpanija li meta nircievu xi haga mill-Qorti nibghatu fax dirett lill-avukat taghna fil-ghodu kmieni, imbaghad fil-ghaxija nibghatulu l-originali. Jiena assolutament qatt ma rajt dan ir-rikors u qatt ma gie mghoddi lili. Li kieku rcevejt xi haga kont naghmel bhas-soltu, ninforma lill-avukat tieghi."

b. <u>in- kontro-ezami:</u> (fol 42)

"(Bugeja) kienet tahdem fix-xitwa fil-hanut li ghandna l-fabbrika, u gieli l-postman flok ma jhalli l-posta fir-reception kien ihalli l-posta fil-hanut fejn kien hemm Mary Bugeja."

c. <u>Carmel Apap</u>

(i) “Il-procedura normali huwa li jigi l-postman u jmur ir-reception u jikonsenja l-ittri li jkollu lir-reception. Ikun hemm kazi fejn ikun hemm ittri rregistrati li jkunu ittri taht (sic) certu normalita’, li allura r-receptionist hija awtorizzata li tiffirma ghal dawn it-tip ta’ ittri, izda ittri li jirrigwardjaw il-Qorti u fejn ikun hemm bzonn firem, sew jigifieri jekk ikunx il-postman jew jekk jigi ghall-argument xi marixxal jew ‘whatever’, il-procedura dejjem kienet li jridu jirriferuha jew lili jew lis-segretarja tas-Sur Caruana."

(ii) “Jekk ikun hemm ittra li tkun gejja minn xi Qorti, u jkun hemm bzonn jiggifieri firma, din trid tigi ffirmata mhux mir-receptionist izda trid tigi ffirmata jew mis-segretarja tas-Sur Caruana Curran jew inkella minni. Dik hi procedura.”

(iii) “Jekk ikunu ittri normali, ittra ta’ kumpanija, li ma tindikax li gejja mill-Qorti, allura jkun hemm bzonn jigifieri ghax tkun irregistrata, jkun hemm bzonn firma, allura r-receptionist iva tkun awtorizzata li tiffirma.

(iv) “Kull meta tigi ittra, jekk hi normali, tircievi l-ittri (ir-receptionist) imbaghad tikkonsenjahom lis-segretarja tas-Sur Caruana Curran."

(v) “Jekk ikun hemm ittri mill-Qorti li jkun hemm bzonn firem, din tirreferi lis-segretarja tas-Sur Caruana u mbaghad is-segretarja kienet tinzel u tiffirma l-ittri u tehodhom.

(vi) “Jekk ma jkunx hemm is-segretarja, jekk ikun hemm jien, allright, niffirma jien, jekk

ma jkunx hemm is-segretarja u ma nkunx hemm jien, hadd ma hu awtorizzat li jiffirma.

(vii) Mistoqsi mill-Bord x' jigri jekk ma jkunx hemm is-segretarja u x-xhud dan jghid:

'Jergghu jgibuhom.'

(viii) Mistoqsija (kontro-ezami):

"Ha nergghu nigu ghal ittra li jkollha t-timbru li gejja mill-Qorti, hux hekk. Jekk inhuwa din l-ittra giet accettata, fl-ufficju taghkom giet accettata mir-receptionist ta' l-ufficju taghhom, hi x' taghmel biha ghax gejja mill-Qorti? Ma tikkonsenjahiex mal-korispondenza l-ohra.

Twegiba:

"In-normalita hija li kull ittri li nircievu jitilghu fuq ghandna." (sottolinear tal-Bord)

d. Ix-xhud Maria Bugeja kienet tahdem fil-hanut biswiet l-ufficju u nhar ta' sibt, billi dan ta' l-ahhar kien ilu maghluq u l-hanut miftuh, tal-posta "kien jigi jtini l-ittri u hekk" u matul il-gimgha il-posta ma kienx jaghtiha liha imma kien 'imur ir-reception.' Dwar ittri rregistrati:

"Kont niffirma jiena, kien jghidli niffirmalu il-postman."

"Imbaghad kont indahhalhom fuq ir-reception ghax imbaghad jien kont nahdem nofs ta' nhar is-Sibt, kont indahhalhom ir-reception u nhallihom hemm."

Ma kienet taghtihom lil hadd imma thallihom ir-reception ma' l-ittri ohrajn. Ma tistax titwemmen meta taqleb din il-verzjoni u wara rinfaccjata b' dokument bil-firma taghha taqleb ghall-ewwel verzjoni. Jirrizulta li zewg ittri (mhux ir-rikors) waslu fil-jum tas-Sibt. Ix-xhud jidher li thoss certu lealta' lejn minn kien jinpjegaha imma bil-gurament ma jistax isir loghob.

e. L-aktar xhud importanti hija Michelle Cassar li ffirmat ghar-rikors fuq il-karta r-roza. Kienet tahdem bhala receptionist u tghid li ma kienitx impjegata ma' l-attur personalmemt. Il-posta kienet tasal ghanda. Dwar ittri irregistrati <u>"issoltu kienet tiffirma ghalihom Claire"</u> (is-segretarja)

<u>Mistoqsija:</u>

<u>".....allura f' dan il-kaz la darba din hija rregistrata x' kien li iffirmajt ghaliha int u mhux Claire"</u>

<u>Twegiba</u>:

<u>Ezatt x' gara ma niftakarx jiena jista' jkun jew Claire forsi ma kienitx qeghda hemmhekk u bi zball iffirmajtha jiena."</u>

L-ittri ma kienitx tghaddihom lill-attur direttament

<u>Mistoqsijiet </u>diretti ghall-ahhar mill-avukat tar-rikorrenti li ressaq ix-xhud:

"Jigifieri jew kien jinzel xi hadd ghaliha qed tghdilina."

<u>Twegiba:</u>

Yes

<u>Mistoqsija:</u>

Jew tinzel is-segretarja ghaliha hux hekk. Gieli forsi tkun, ikun tiela' xi hadd 'l fuq, skuzani, dejjem jinzel ghaliha jew?

<u>Twegiba:</u>

Jew jinzel ghaliha jew xi hadd itellaghilha

<u>Mistoqsija:</u>

Meta tghid xi hadd itellaghhielha, min itellaghielha?

<u>Twegiba:</u>

Per ezempju jkun hemm xi hadd jahdem maghha stess u kien ikun tiela’ fuq u jghidli ha ntellaghilha l-posta, u jtellaghilha l-posta fuq.

<u>Tistqarr li l-ittra ircevitha hi “imma zgur li ma tajthiex lilu ghaliex qatt ma tajtu postha jigifieri zgur ma tajthiex lilu personali.”</u>

Ma tiftakarx lil min tatha imma fuq suggeriment ta’ l-avukat tghid li “jista’ jkun tajtha lis-segretarja, jista’ jkun hadha xi hadd”….”Jista’ jkun xi hadd tellaghha” jew nizel ghaliha.

14. Ix-xhud l-ewwel tghid li ma tiftakarx x’ gara meta ffirmat ghar-rikors. Wara tghid li s-segretarja kienet tiffirma ghall-ittri rregistrati. Tissokta li l-ittri kien jinzel ghalihom xi hadd jew itellaghhom xi hadd<u>. Dan ifisser li s-segretarja ma kienitx tiffirma ghall-ittri irregistrati. Wara ma tiftakarx lil min tghat l-ittra.</u> Ghall-ittri rregistrati <u>suppost</u> kienet tiffirma ghalihom is-segretarja.

15. <u>L-attur imissu tella tixhed lis-segretarja, l-persuna li suppost taf x’ kien jigri u x’ gara u x’ kienet taghmel.</u> Dan ma ghamlux. Ix-xhud Apap idahhal lilu nnifsu fin-nofs dwar ittri tal-Qrati, isemmi sistema rigida dwar xi jsir bl-ittri, sistema li mix-xhieda tan-naha attrici ma tezistiex. Il-Bord ma jistax jemmen lix-xhud li meta ma jkunx hemm hu jew is-segretraja, min igieb l-ittri jehodhom lura u jerga jgibhom. Jibqa’ l-fatt li Cassar irceviet l-ittra, iffirmat ghaliha u fi kliemha stess jista jkun li tghattha lis-segretarja jew jista’ jkun xi hadd nizel jew tela fuq u ha l-ittra lis-segretarja. Fl-ahhar mill-ahhar Apap jghid:

“In-normalita’ hija li kull ittri li nircievu jitilghu fuq ghandna.”

u l-Bord irid joqghod fuq dak li jigri fil-hajja ta’ kuljum meta hekk ikunu l-provi. Apap joqghod jaghmel hafna distinzzjonijiet dwar ittri: registrati, registrati gejjin mill-Qorti, ittri normali. Fl-ufficju skond ix-xhieda min naha attrici jaslu hafna ittri u zgur ma joqghodx issir l-gharbiel. L-attur fix-xhieda tieghu donnu li mar-ragunijiet imsemmija

izied ohra: li s-segretarja ma ghamlitlux appuntament fid-djarju. L-ufficju jmexxih l-attur u ghal li jigri hu responsabbli hu.

16. L-attur imexxi l-erba' kumpanija msemmija. Ma jirrizultax li ghandu xi xoghol iehor. Id-distinzzjoni li hu jaghmel bejn nies impjegati mieghu u 'mal-kumpanija' (wahda jsemi) fil-fatt ma tezistiex. Ix-xhieda li tella lanqas jafu bl-ezatt ma minn huma impjegati. Jidher wkoll li l-attur minkejja li kien qed jircievi ittri mill-konvenuta ma kienx qed jaghti kashom.

17. Jirrizulta li r-rikors wasal permezz ta' posta registrata fl-indirizz 15, Triq Spencer il-Marsa. Iffirmat ghalih xi xhud Michelle Cassar li hija fis-servizz ta' l-attur kif wkoll awtorizzata biex tircievi l-posta tieghu. L-ittra minn isfel ittellghet fuq kif kien jigri b' ittri ohra. Jekk mbaghad xi hadd ma tax kaz hu responsabbli l-attur u hadd hliefu u "B'fuq" minn naha attrici jirrizulta li jahdem l-attur, ix-xhud Apap u s-segretarja. Jekk kien hemm negligenza huwa kaz ta' 'imputat sibi.'

In-notifika saret u saret b' mod tajjeb (ara 'Scerri vs Portelli et App. Civ 18/2/74). Is-sentenza msemmija mill-abili difensur tal-konvenuta – Galea vs Hayes, App. Inf. 11/12/92 – hi dwar notifika li saret f' dar u ma gietx minn min irceviha mghoddija 'lid-destinatarju.' Il-Qorti kienet cahdet ir-ritrattazzjoni. Is-sentenza msemmija mill-abili difensur ta' l-attur 'Zahra noe vs Von Brockdorff Ltd' (citaz. 135/79, ceduta fil- 11/2/83; Kum) jidher li ssemmiet bi zball billi m' ghanda x' taqsam xejn mas-suggett ta' llum. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenzi in re 'Grixti vs Direttur tax-xogholijiet Pubblici' (App. 12/12/75), 'Micallef vs Theuma' (App. Inf. 25/4/91) u 'Brincat vs Xuereb (App Mill-Bord 9/1/97)

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u jichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontrih."

L-aggravju tar-ritrattand fil-kontra tad-decizjoni issa appellata hu fis-sens li l-Bord, ghalkemm ghamel

konsiderazzjonijiet estensivi tal-provi, ikkonkluda erronjament billi naqas li jivverifika jekk giex sodisfatt il-vot tal-ligi dwar in-notifika regolari.

Il-kwestjoni involuta fil-fatt tikkoncerna essenzjalment ir-regolarita` tan-notifika tal-att promotur fil-procedura fl-ismijiet inversi deciza fil-kontumacja tar-ritrattand.

Ir-ritrattazzjoni qed tintalab ai termini tas-subinciz (b) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12. Raguni din li, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 813, tintitola lir-ritrattand jattakka d-decizjoni fil-konfront tieghu.

Is-subinciz (b) imsemmi jipprovdi proprju li kawza tista' tigi ritrattata "jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza".

Dan id-dispositiv jippostula zewg elementi, u cjoe (1) li l-parti sokkombenti ma tkunx giet notifikata bl-att u (ii) li ghalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret ghas-smiegh tal-kawza. Minn ezami, anke superficjali, tad-decizjoni tat-3 ta' Dicemrbu 1997, esebita a fol 7 tal-process, huwa ovvju li dan l-ahhar element tal-apparenza tar-ritrattand f'dawk il-proceduri ma tissussistiex.

Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk in-notifika tal-att promotur saretx fit-termini tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Hu fit-termini stretti tad-disposizzjonijiet sabbiliti li jrid jigi konkluzivament pruvat jekk in-notifika saretx validament u legittimament.

L-imsemmi Kodici jipprovdi diversi metodi ta' notifika fejn l-att jigi konsiderat bhala notifikat.

Is-subinciz (1) tal-Artikolu 187 ta' dan il-Kodici hekk jipprovdi:-

"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew

f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."

Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Alessandro Delhin –vs- Antonio Darmanin et**", Appell Civili 9 ta' Novembru 1927, "da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia si fa <u>direttamente</u> alla persona da esserne notificata, o quella per cui la si fa <u>indirettamente</u>, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglie, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima."

Naturalment l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap 12, u tibdiliet legislattivi ohra li saru qablu, estenda l-lista tal-persuni li maghhom il-kopja tal-att seta' jithalla. Ciononostante, l-istess hsieb formulat fil-precitata sentenza jibqa' wiehed validu.

Tant dan hu hekk illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Cachia nomine –vs- Salvino Sullivan et noe**", Appell, 27 ta' April 1987, jinghad dan:-

"Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija ntiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sija lill-persuna fizika sija lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota marginali li hemm mal-imsemmija disposizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qed tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma'

persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda".

Huwa indiskuss fil-kaz de quo illi l-persuna notifikanda bir-rikors promotur kien l-appellant personalment in kwantu l-fond meritu tal-azzjoni kien hekk lokat lilu. Dan stabbilit, wiehed allura jrid jindaga kif setghet issir in-notifika fl-alternattivi previsti fl-artikolu tal-ligi fuq citat, u jekk din fil-fatt saretx, dejjem konformement mid-dettami ta' l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12.

Ma jezisti l-ebda diverbju bejn il-kontendenti illi l-kopja tar-rikors promotur ma gietx innotifikata direttament lir-ritrattand.  Il-kopja pero' thalliet ma' certa Michelle Cassar, dipendenti ta' wahda mill-kumpaniji tar-ritrattand, izda mhux ukoll impjegata tar-ritrattand personalment. Hu dan il-fatt li fuqu r-ritrattand jirpoza l-argument ta' l-aggravju kollu tieghu.

Mill-banda l-ohra pero` notifika setghet validament issir ukoll "f'idejn persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha … … fil-post tax-xoghol taghha".

Hu pacifiku li f'dan il-kaz in-notifika saret konfermement mat-test tal-ligi billi saret fil-post tax-xoghol tar-ritrattand, u cjoe` Caruana Cold Stores, Nurmu 15, Spencer Hill, Marsa, li ghalkemm proprjeta` ta' kumpanija, taghha l-istess ritrattand, kif minnu stess konfessat, hu wkoll impjegat.

Huwa wkoll ammess mill-istess ritrattand (fol 42) illi l-posta tieghu jircevuha jew ir-receptionist jew min ikun addett fil-hanut, adjacenti ghall-fabbrika.  Fil-perijodu in disamina (1997) ir-receptionist kienet Michelle Cassar mentri Mary Bugeja kienet responsabbli ghat-tmexxija tal-hanut. Dawn kienu allura l-persuni awtorizzati biex jircievu l-posta, anke dik indirizzata personalment lir-ritrattand, kif hekk manifest mid-dokumenti esebiti minn fol 33 sa fol 39. Fil-fatt l-att in kontestazzjoni thalla f'idejn Michelle Cassar u kienet hi li ffirmat ghalih.

Rinfaccjati b'din il-prova konfessata r-ritrattand u x-xhieda minnu prodotti jispostaw il-kwestjoni fuq il-binarju li ghalkemm Michelle Cassar kienet iva awtorizzata tircievi l-posta, izda b'danakollu ma kienetx ukoll awtorizzata li tircievi, tilqa' jew tiffirma ghal posta registrata, billi din kienet ir-responsabilita' ta' Claire Calleja, segretarja personali tar-ritrattand. Fil-fatt l-imsemmija Michelle Cassar (seduta 28 ta' Marzu 2001) tistqarr li l-posta registrata kontenenti l-kopja tal-att promotur iffirmat ghaliha bi zball.

Bhal Bord qabilha, din il-Qorti ma hijiex lesta li taccetta din l-istqarrija billi ma tqisiex la plawsibbli u wisq anqas attendibbli. Jirrizulta li x-xhud Michelle Cassar kienet gja precedentement iffirmat posta registrata, kif evidenzjat mid-dokument a fol 38 in referenza ghall-ittra tar-ritrattata tad-9 ta' Gunju 1997. Rinfaccjata b'dan id-dokument ix-xhud illimitat ruhha biex tghid b'mod generali li "ghall-ittri registrati <u>suppost</u> kienet tiffirma ghalihom Claire". Ma stqarretx li dan kien ukoll zball minn naha taghha meta ffirmat ghaliha.

Effettivament jirrizulta li anke Mary Bugeja kienet awtorizzata tiffirma ghal posta registrata. L-iskuzanti tar-ritrattand kienet li solitament din tircievi l-posta nhar ta' Sibt meta allura l-fabbrika tkun maghluqa. Ezami pero` tad-dokumenti a fol 34 u 40 turi li din iffirmat ghal posta konsimili fi granet li ma kienux il-gurnata tas-Sibt.

Evalwati l-provi fil-kumpless taghhom il-Qorti ssib li l-prova fir-rigward tal-posta registrata ma tistax titwemmen u l-ispjega fornita ma tinhassx kredibbli. Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma tasalx ghall-unika konkluzjoni li tikkorrispondi ghall-verita`. Dik cjoe`, li kemm l-ahhar xhud imsemmija Mary Bugeja kif ukoll Michelle Cassar, kienu awtorizzati li jircievu l-posta tar-ritrattand u dan indipendentement mill-fatt jekk din kienetx, jew le, registrata. Dawn kienu l-persuni idonei xelti mir-ritrattand jew awtorizzati minnu li lilhom setghu jigu konsenjati l-kopji tal-iskritturi jew li jircievuhom.

Jekk imbaghad ir-ritrattand ma rceviex materjalment il-kopja tal-att dak il-fatt hu “res inter alios acta” u ma jincidix fuq il-validita` tan-notifika ta’ l-istess att a sensu tal-Art 187 (1) tal-Kap 12.

Kif enuncjat mill-Qorti tal-Kummerc fid-decizjoni taghha tas-27 ta’ Gunju 1928 fil-kawza fl-ismijiet “**Caterina Gregoris –vs- Giuseppe Said noe**”, “Attesoche`, come e` stato ritenuto de questa Corte in casi consimili, il fatto della dimenticanza anche giustificata di uno degli impjegati del Banco a consegnare la citazione al Presidente della stessa, non e` un giusto motivo per ammetterlo a presentare la nota delle eccezioni fuori del termine prescritto”.

B’aktar precizazzjoni, imbaghad, in kwantu si trattava ukoll minn kawza ta’ ritrattazzjoni fuq l-istess subinciz tal-ligi hawn ezaminat; gie ritenut dan fid-decizjoni fl-ismijiet “**Giovanni Cilia La Corte noe –vs- Edgardo Camilleri**”, Appell, Sede Inferjuri, 24 ta’ April 1917:

“Che la notifica di un atto e` validamente fatta colla consegna di copia dello stesso nel luogo della sede di affari, della persona a cui quello e` diretto … …

Che il non avere l’attore, allora convenuto, ricevuto l’avvizo dalla sua persona di servizio non da luogo alla ritrattazione della causa quando tale difetto di consegna non sia dovuto a dolo dell’altra parte … …”

Ghal dawn il-motivi, u dawk l-ohra stabbiliti mill-Bord li Jirregola l-Kera, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur ritrattand.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

---------------------------------TMIEM---------------------------------